MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1256/2011

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**vs**

**P.G.T. Company Limited (C 2278) u Marco Holdings Limited (C 13934)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ HSBC Bank Malta plc, li permezz tieghu, wara li ppremetta illi:

Il-bank attur ta diversi facilitajiet bankarji lis-socjeta’ konvenuta P.G.T. Company Limited.

B’kuntratt in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri ta’ l-10 ta’ Ottubru 2000, il-bank attur ta lis-socjeta’ konvenuta P.G.T. Company Limited, facilita’ ta’ overdraft sas-somma ta’ mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm150,000) ekwivalenti ghal

tlett mija u disgha u erbghin elf, erba' mija u sitt Ewro (€349.406).

Bl-iskop li s-socjeta' konvenuta P.G.T. Company Limited tottjeni minghand il-bank attur facilitajiet bankarji, is-socjeta' konvenuta Marco Holdings Limited iffirmat garanzija a favur il-bank attur li permezz taghha iggarantiet in solidum flimkien mas-socjeta' P.G.T. Company Limited il-hlasijiet kollha dovuti lill-bank attur mis-socjeta' konvenuta P.G.T. Company Limited sas-somma ta' mija u hamsin elf Lira Maltin (Lm150,000) ekwivalenti ghal tlett mija u disgha u erbghin elf, erba' mija u sitt Ewro (€349.406) in forza ta' garanzija datata 22 ta' Mejju 2000.

Is-socjeta' konvenuta Marco Holdings Limited kienet hadet id-decizjoni li tidhol garanti in solidum mas-socjeta' konvenuta P.G.T. Company Limited a favur il-bank attur in forza ta' rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi taghha tad-19 ta' Mejju 2000.

Bl-iskop li l-bank jinghata sigurata ahjar ghall-ammont gia dovuti, is-socjeta' konvenuta Marco Holdings Limited iffirmat garanzija ohra a favur il-bank attur li permezz taghha ggarantiet in solidum flimkien mas-socjeta' P.G.T. Company Limited il-hlasijiet kollha dovuti lill-bank attur mis-socjeta' konvenuta P.G.T. Company Limited sas-somma ta' hamsa u disghin elf Lira Maltin (Lm95,000) ekwivalenti ghal mitejn u wiehed u ghoxrin elf, mitejn u disghin Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€221,290.47) u dan in forza ta' garanzija datata 3 ta' Mejju 2007.

Is-socjetajiet konvenuti jinsabu in solidum bejniethom debituri a favur il-bank attur fis-somma komplessiva ta' mija u sebgha u disghin elf, mitejn u tnax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€197,212.65) rapprezentanti in kwantu ghall-facilita' overdraft numru 037-015732-340 (gia' 037-015732-003) is-somma ta' tlieta u hamsin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€53,947.42) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament u in kwantu ghall-facilita' overdraft numru 037-015732-341 (gia' 037-015732-003)

is-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf, mitejn u hamsa u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€143,265.23) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Permezz ta' zewg ittri interpellatorji datati 2 ta' Frar 2011, l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-bilanc minnhom dovut lill-bank, izda baqghu inadempjenti.

Permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 14 ta' Settembru 2011, l-intimati gew interpellati sabiex ihallsu l-bilanc kollu dovut lill-bank attur izda gie effettwat pagament parzjali biss u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta' attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur (a) is-somma ta' tlieta u hamsin elf, disa' mija u sebgha u erbghin Ewro u tnejn u erbghin centezmu (€53,947.42) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq facilita' overdraft numru 037-015732-340 (gia' 037-015732-003) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament, u (b) is-somma ta' mija u tlieta u erbghin elf u mitejn u hamsa u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€143,265.23) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq facilita' overdraft numru 037-015732-341 (gia' 037-015732-003) oltre l-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament, b'kollox mija u sebgha u disghin elf, mitejn u tnax-il Ewro u hamsa u sittin centezmu (€197,212.65) bl-imghax legali mis-6 ta' Dicembru 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-imghax legali ulterjuri u bl-ispejjez inkluzi dawk taz-zewg ittri interpellatorji datati 2 ta' Frar 2011 u taz-zewg ittri ufficjali ta' l-14 ta' Settembru 2011 kontra l-konvenuti li d-diretturi taghhom huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota tas-socjetajiet P.G.T. Company Limited u Marco Holdings Limited debitament rapprezentati mid-direttur Robert Borg, li biha qeghdin jammettu t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet kollha ta’ HSBC Bank Malta plc kif dedotti fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn P.G.T. Company Limited u Marco Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------